MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 893/1993/1

**JOSEPH BUSUTTIL GHAL TESSONS LTD**

**Vs**

**ANTHONY ZAHRA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-28 ta' Lulju, 1993 li in forza taghha, wara li ppremetta illi l-konvenut ghandu jaghti lid-ditta attrici s-somma ta' Lm802 (tmien mija u zewg liri) rapprezentanti ammont ta' flus moghtija lilu mid-ditta attrici kif ukoll prezz ta'merkanzija mibjugha u konsenjata lilu;

Ippremetta li dan kollu jirrizulta minn skrittura datata 16 ta' April, 1993 u ffirmata mill-istess konvenut (DOK "A");

Oppremetta illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta’ l-attur, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jaghti ghat-talba li qed isirlu;

Oppremetta li nterpellat ihallas, il-konvenut baqa’ nadempjenti;

Talab ghalhekk biex il-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tghaddi ghat-talba ta’ l-attur bid-dispensa tas-smigh skond l-Art. 167 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizazzjoni Civili.
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ LM802 (tmien mija u zewg liri Maltin) ghar-ragunijiet fuq citati.

Bl-ispejjez inkluzi dawn ta’ l-ittra datata 20 ta’ Mejju, 1993 u bl-imghax tat-8% mil-lum fuq LM802 (tmien mija u zewg liri) sal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru, qbid u impediment tallum kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepiet illi :-

1. Illi fl-ewwel lok l-odjerna procedura hija nulla stante li giet ipprezentata bil-procedura tal-giljottina fil-ferje tas-sajf meta din hija espressament mhux ammessa;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fit-tieni lok jinghad ukoll li anke l-imsemmija procedura hija nulla fiha nnifsha stante li ma saritx id-dikjarazzjoni tal-fatti kif titlob il-Ligi;

3. Illi f’kull kaz trid issir l-prova li l-imsemmi Joseph Busuttil ghandu r-rapprezentanza tas-Socejta’ attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fit-tielet lok l-imsemmija skrittura privata datata 16 ta’ April, 1993 hija nulla stante li hija karpita bil-vjolenza.

5. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-24 ta’ Jannar, 1994, li in forza taghha gie mahtur bhala perit legali, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, Dr Mark Chetcuti, sabiex ifittex u jirrelata u jaghmel l-ossevazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat ir-rapport tal-perit legali pprezentat fit-13 ta’ Mejju, 1998, u minnu mahluf fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Marzu, 1999;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta’ Gunju, 1998, li permezz taghha talab li jigu nominati periti addizzjonali;

Rat it-talba imressqa mill-konvenut biex jeskuti lill-perit legali;

Rat id-domandi in esekuzzjoni li gew pprezentati mill-konvenut u li jinsabu esebiti fil-process ta’ kawza ohra bejn l-istess partijiet (citazzjoni numru 892/93) u li mxiet kontestwalment ma’ din il-kawza;

Semghet lill-perit legali in eskussjoni (traskrizzjoni ta’ liema depozizzjoni tinsab registrata wkoll fl-atti tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet b’citazzjoni numru 892/93).

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Ottubru, 2003 li in forza tieghu cahdet it-talba ghall-hatra ta’ periti addizzjonali;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-partijiet ma ressqux noti ta’ osservazzjonijiet ghalkemm inghataw il-fakulta’ li jaghmlu dan;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenut, waqt li kien fl-impjieg tieghu ta' *storekeeper* mas-socjeta' attrici, kien inghata self ta' flus li hu kien ihallas lura billi titnaqqas Lm1 fil-gimgha mill-paga tieghu. Oltre dan, fl-1992, kienu nstabu xi flus neqsin li kienu mhallsa lill-konvenut mill-klijenti tas-socjeta' attrici u dan ma ghaddiehomx lid-ditta attrici. Il-konvenut kien ammetta li zamm dawn il-flus ghandu, u l-ammont zdid mal-bilanc ta' self li kellu jaghti lura lill-kumpanija. Peress li s-somma dovuta mill-konvenut kienet kibret, bdiet titnaqqas is-somma ta' LM5 fil-gimgha mill-paga tieghu. Tul iz-zmien li kienet titnaqqas somma flus mill-paga tal-konvenut, dan qatt ma ilmenta jew oggezzjona ghal dan l-agir da parti tas-socjeta' attrici. Meta spicca mix-xoghol mal-kumpanija attrici, kien ghad fadal bilanc x'jirrifondi, u fil-fatt bi skrittura datata 16 ta' April, 1993, il-konvenut kien ammetta li fadallu jhallas bilanc ta' LM802. Ghalkemm fuq din l-iskrittura jissemma bilanc akbar, wara li giet iffirmata saru xi pagamenti akkont sakemm il-bilanc li kien fadal dovut meta waqfu l-pagamenti kien ta' LM802. Fuq din l-iskrittura, jinghad wkoll li l-ammont hu dovut mill-konvenut in parte bhala refusjoni ta' self moghti lilu, u in parte ghall-oggetti "mixtrija" mill-konvenut mill-kumpanija attrici. Din probabbli saret b'dan il-mod biex ma jigix indikat b'mod car li l-konvenut kien responsabbli ta' misappproprijazzjoni ta' flus s-socjeta' attrici, bil-konsegwenzi li din id-dikjarazzjoni jista' kellha fuq il-futur tal-konvenut; la darba l-konvenut zamm ghalih il-flus li hallsu klijenti ta' prodotti mixtrija minnhom, hu gie qiesu xtara l-oggetti hu u, ghalhekk, l-obbligazzjoni saret b'dak il-mod.

Din l-iskrittura hija ammissjoni cara tad-dejn li l-konvenut ghandu mas-socjeta' attrici. Il-konvenut jighid, pero', li din l-iskrittura hija karpita bi vjolenza, peress li jallega li wara li spicca mill-impjieg, hu mar ghall-paga izda din zammewhielu, u ma riedux ihallsuh il-paga jekk ma jiffirmax dik l-iskrittura. Is-Sur Andrew Ellul Sullivan, wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, jichad din l-allegazzjoni u jispjega li wara li l-konvenut kien spicca mix-xoghol, hu kien rega' mar jitlob li jerga' jigi ngaggat u

dan peress li ma kienx sab xoghol iehor. Hu offrielu li jerga' jimpjegah, basta li l-konvenut jiffirma skrittura u jirrikonoxxi d-debitu li kellu mas-socjeta' attrici. Dan accetta, iffirma l-iskrittura u mar lura ghax-xoghol mas-socjeta' attrici.

Skond il-gurisprudenza lokali, *"biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti*" – "Aquilina vs Ganado", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju, 1995. Din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza fit-3 ta' Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b'mod li tnehhi l-*bargaining power* li jista' jkollu kontraent fuq iehor. Fil-fatt, f'dik il-kawza, il-kontraent kreditur, rinfaccjat b'talba mid-debitur li jixtri flat li sa dak iz-zmien kellu taht idejh b'kera li kienet se tiskadi, indika bic-car li ma riedx jikkontempla dak il-bejgh jekk id-debitur ma jirrikonoxxix id-dejn li kellu fuq skrittura. Din il-Qorti osservat li l-firma tal-konvenut-debitur fuq l-iskrittura ma' tista' qatt tigi annullata fuq bazi ta' vjolenza.

Il-fatti ta' dan il-kaz ghandhom sebh ma' dak li sehh f'din il-kawza. Kemm jekk tacetta l-versjoni tal-konvenut u kemm jekk taccetta dik tas-socjeta' attrici, jidher li l-konvenut kien debitur tas-socejta' attrici, u s-socjeta' attrici riedet tikkawtela l-pretensjoni taghha u tesigi prova cara ta' dan id-debitu. Dan, fic-cirkustanzi, hu permess anke mill-gurisprudenza: ara "Eurobridge Shipping Services Ltd vs Scicluna", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 2001, u "Linknet Ltd vs Terranet Ltd", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar, 2003.

Veru illi, jekk tigi accetta l-versjoni tal-konvenut, il-"minaccja" tas-socjeta' attrici li zzomm il-paga li kellha taghtih ma kienetx "minaccja" ta' triq legali, pero', din il-

Qorti ma tqiesx tali agir bhala theddid jew pressjoni fuq il-persuna tal-konvenut daqshekk impellenti li tista' taffettwalu l-kunsens tieghu. Kif inghad, il-minaccja trid tkun gravi u determinanti, b'mod li tinficcja fuq il-kunsens ta' dak il-kontraent; irid jirrizulta wkoll li dak il-kontraent kien f'pozizzjoni li ma setax jehles mill-vjolenza jekk mhux billi jiffirma dik l-obbligazzjoni impoggija quddiemu. Fil-fehma tal-Qorti, dak li sehh f'dan il-kaz ma ghandux dawn il-karatteristici. Ma kien hemm ebda agir "gravi" u lanqas theddid ta' vjolenza fizika fuq il-konvenut, u l-konvenut seta' facilment jehles minn dik is-suppost theddida li sariltu mis-socjeta' attrici; hu seta' facilment johrog minn dik is-sitwazzjoni li sab ruhu u jirregola ruhu, u l-firma ta' l-iskrittura b'ebda mod ma tista' tghid li saret minn persuna li ma kienetx taf x'inhi taghmel. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Camilleri vs Vella", deciza fid-9 ta' Gunju, 2003, l-istat ta' anzjeta u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, ghax fin-nuqqas ta' prova ta' theddieda ta' vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jaghmel, il-kuntratt m'ghandux jithassar.

Fic-cirkustanzi, ghalhekk, din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni milhuqa mill-perit legali li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-elementi ta' vjolenza mehtiega biex jitpogga fid-dubju l-kunsens li hu mmanifesta fuq l-iskrittura tas-16 ta' April, 1993.

Rigward l-ecccezzjonijiet preliminari tal-konvenut, il-Qorti tara illi mhux il-kaz li jigi nvokat in-nullita' tac-citazzjoni ghax giet pprezentata permezz tal-procedura tal-giljottina fil-vakanzi tas-sajf. Dan in-nuqqas, *se mai*, gie sannat bil-fatt li l-proceduri tkomplew bil-proceduri normali. Lanqas jista' jinghad illi c-citazzjoni hi nulla ghax ma hemmx dikjarazzjoni tal-fatti; ghax, bhala fatt, mic-citazzjoni giet esebita affidavit u, skond il-ligi procedurali allura vigenti, meta kawza titressaq biex tinstema' bil-procedura sommarja specjali, kien bizzejjed li c-citazzjoni tkun akkumpanjata b'affidavit.

Rigward ir-rapprezentanza guridika ta' l-attur, fl-atti tal-process hemm esebita kopja ta' rezoluzzjoni straordinarja

li tawtorizzza lill-attur *“to institute any legal action the said Joseph Busuttil may deem fit and proper on behalf of the company”*. F’kull kaz, illum mhux aktar mehtieg li kumpanija tidher f’kawza tramite rapprezentant taghha, izda hu bizzejjed li hi tagixxi f’isimha, u din il-procedura ‘l gdida giet dikjarata li tapplika anke ghall-kawzi pendenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ LM802 (tmiem mija u zewg liri Maltin), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza, u cioe’, mit-28 ta’ Lulju, 1993, sal-gurnata tal-pagament effettiv.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------